**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 2 ta' Mejju, 2019

Rikors Guramentat numru : 234/13 AL

A B

vs

C D

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat tal-attrici, li permezz tieghu ippremettiet:

1. Illi l-partijiet kellhom relazzjoni flimkien barra z-zwieg li minnha twieled E D fl-ewwel (1) ta' Jannar tas-sena elfejn u ghaxra (2010) u dan skont ma jirrizulta mill-anness certifikat tat-twelid, mmarkat bhala Dokument RB 1;
2. Illi r-relazzjoni bejn il-partijiet ntemmet u l-minuri dejjem irresjeda mar-rikorrenti;

3. Illi permezz ta' digriet moghti minn din il-Qorti datat hmistax (15) ta' Ottubru 2013, din il-Qorti ddegretat li l-intimat ghandu jhallas bhala manteniment ghall-ibnu E fl-ammont ta' mitejn ewro (€200) oltre nofs l-ispejjez ghas-sahha u edukazzjoni tal-minuri; (Kopja tad-digriet anness u mmarkat bhala <u>Dokument RB2</u>;
4. Illi permezz ta' digriet tal-hmistax (15) ta' Ottubru 2013 din il-Qorti ordnat li l-intimat ikollu access ghall-ibnu kull nhar ta' Tnejn u nhar ta' Erbgha bejn il-17.00 u is-19.00 u alternativament fil-weekend kull nhar ta' Gimgha mis-18.00 sas-Sibt u l-gimgha ta' wara mis-Sibt fl-16.00 sal-Hadd fis-18.00. L-intimat ghandu jigbor lill-minuri mir-residenza jirritornaha hemmhekk wara l-access, kopja tad-digriet hawn anness u mmarkat bhala <u>Dokument RB3</u>;
5. Illi l-intimat ghamel minn kollox sabiex il-partijiet ma jaslux ghall-ftehim bonarju permezz ta' kuntratt flimkien tramite l-pika qawwija tieghu li baqa sal-ahhar, nonostante d-diversi u hafna tentattivi tal-medjatrici sabiex il-partijiet jaslu, illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza;
6. Illi r-rikorrenti talbet u ottjeniet l-awtorizzazzjoni mehtiega sabiex tipprocedi f'dina l-istanza kontra l-intimat, skont kif jirrizulta mill-anness dokument mmarkat bhala <u>Dokument RB4</u>;

Talbet li l-intimat jghid ghaliex ghar-ragunijiet premessi din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tafda lir-rikorrenti l-kura u kustodja esklussiva tal-minuri E D salv l-access tal-intimat ghall-istess iben minuri;
2. Takkorda access a favur l-intimat ikollu kull nhar ta' Tnejn u nhar ta' Erbgha bejn il-17.00 u is-19.00 u alternattivament fil-weekend kull nhar ta' Gimgha mis-18.00 sas-Sibt 18.00 u l-gimgha ta' wara mis-Sibt fl-17.00 sal-Hadd fis-18.00, b'dana li l-intimat ghandu jigbor lill-minuri mir-residenza ta' l-omm u jerga jirritornah hemm hekk wara l-access b'dana illi waqt l-isleepover dejjem irid ikun hemm l-intimat prezenti fejn isir l-isleep over u l-isleep over issir fir-residenza tan-nanna paterna;
3. Takkorda access a favur l-intimat fil-festi tal-Milied u l-Ewwel tas-Sena bil-modilita li gejja : L-ewwel sena nhar l-erbgha u ghoxrin ta' Dicembru (24.12) mill-hamsa (17.00) sa l-ghada fil-hdax u nofs (11.30) u nhar l-ewwel ta' Jannar (01.01) mill-hdax

u nofs ta' filghodu (11.30) sas-sebgha ta' filghaxija (19.00p.m.); u s-sena ta' wara nhar il-hamsa u ghoxrin ta' Dicembru (25.12) mill-hdax u nofs (11.30) sas-sebgha ta' filghaxija (19.00) u nhar lejliet l-ewwel tas-sena u cioe il-wiehed u tletin ta' Dicembru (31.12) mill-hamsa ta' wara nofsinhar (17.00p.m.) sal-ghada filghodu fil-hdax u nofs (11.30) u hekk b'mod alternattiv minn sena ghal ohra;

4. Takkorda access a favur il-missier bil-modalita li gej fil-granet li gejjin b'dana li l-minuri ghandu dejjem jingabar u jitwassal mill-missier fir-residenza tal-omm u ċioe:
   - (i) F'gheluq snin il-missier, il-missier ghandu jkollu access ghat-tifel minn wara l-iskola sas-sebgha ta' filghaxija (19.00). F'kaz li tkun gurnata li l-minuri ma jkollux skola, l-access ikun mit-tmienja ta' filghodu (8.00) sal-hamsa ta' filghaxija (17.00) jekk tkun gurnata li l-minuri jkollu l-iskola mis-saghtejn u nofs ta' wara nofsinhar (14.30) sas-sebgha ta' filghaxija (19.00);
   - (ii) Illi f'gheluq snin l-omm, jekk jinzerta li l-missier ikollu access;
   - (iii) F'jum il-missier u f'jum l-omm il-minuri iqatta dik il-gurnata mal-missier jew mal-omm skont il-kaz, b'dan illi fir-rigward tal-missier it-tifel jkun mieghu mill-ghaxra ta' filghodu (10.00am) sas-sitta ta' filghaxija (18.00pm). F'kaz li l-minuri f'jum l-omm jinzerta ikun ghadu ghand il-missier;
5. Tikkundanna lill-intimat sabiex ihallas lir-rikorrenti manteniment adegwat li jirrifletti l-bzonnijiet ta' ibnu E D, f'ammont ta' mhux inqas minn mitejn ewro (€200) kull erbgha (4) gimghat, oltre nofs l-ispejjez ta' edukazzjoni u sahha, b'dana pero' li l-obbligu tal-missier li jipprovdi l-manteniment jibqa sa meta l-minuri jaghlaq l-eta ta' tlieta u ghoxrin (23) sena jekk it-tifel ikun qed jippartecipa f'edukazzjoni, tahrig jew taghlim full time u ma jkunx ragonevolment possibbli ghat-tifel li jmantni lilu nnifsu kif xieraq. Tali manteniment jieqaf sal-eta ta' tmintax (18) il-sena jekk il-minuri ma jibqax jistudja u jsib impjieg full-time u dana skont il-ligi vigenti fid-data li tinghata din is-sentenza;
6. Tordna lill-intimat sabiex jaghmel il-pagamenti tal-manteniment kull erbgha (4) gimghat lill-omm permezz ta' cheque;

7. Tordna li kwalunkwe children allowance u beneficcji ohra rigwardanti l-minuri ghandha tircevihom r-rikorrenti;
8. Tordna li l-passaport tal-minuri ghandu jinzamm mill-esponenti;
9. Tordna li kunjom il-minuri jkun D B;
10. Taghti dawk il-provvedimenti xierqa u opportuni li jikkoncernaw lill-wild minuri fosthom izda mhux limitament dwar kif ghandu jigi regolat is-safar tal-minuri, l-attendenza tal-minuri ghall-iskola u attivitajiet edukattivi ohra u extra-kurrikulari;

Bl-ispejjez kontra l-intimat, li hu minn issa ngunt ghas-subizzjoni u b'riserva ghall-kwalsiasi azzjoni ohra spettanti lir-rikorrenti;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut, li permezz taghha eccepixxa: (fol. 49)

1. Illi fl-ewwel, it-tieni, it-tielet, ir-raba', il-hames, is-seba', it-tmien, id-disa' u l-ghaxar talbiet ta' A B qed jigu opposti inter alia ghax dawn saru b'mod uniliterali u kif dejjem ghamlet A B thares biss lejn l-interessi taghha u mhux ukoll tal-minuri u tal-missier C D;
2. Illi s-sitt talba mhijiex opposta;
3. Illi t-talbiet ta' A B ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti billi l-fatti ma grawx kif qed tallega hi;
4. Illi dak allegat fir-rikors guramentat mhuwiex minnu kemm fattwalment kif ukoll legalment kif jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;
5. Illi t-talbiet elenkati fir-rikors promotur saru issa wara erba' (4) snin u huma frott ta' pika;
6. Illi r-ragunijiet li waslu ghall-istat attwali bejn il-partijiet huma imputabbli unikament lil A B stante li hi pikuza u gellieda kif anke deher car waqt is-sessjonijiet ta' medjazzjoni u qatt ma inkludiet lill-esponent f'kull decizjoni li taffettwa lil binhom u kienet anki tohloqlu ostakli biex ikollu access ghal ibnu;
7. Illi inoltre dan, dawn it-talbiet ta' A B huma maghmula unilateralment minnha ghall-kumdita taghha u qed isiru b'pika;
8. Illi fi kwalunkwe kaz jkun ta' gid ghall-minuri li kull ghajnuna finanzjarja ghandha tkun depozitata f'kont f'isem il-wild u mhux accessibbli ghall-omm;

9. Illi A B dejjem tishaq li ma tridx indhil mill-esponent fit-trobbija tal-wild taghhom u din hi r-raguni principali tar-rikros promotur taghha;

Salv eccezzjonijiet ohra;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut;

Rat il-kontro-talba tal-konvenut li permezz taghha ippremetta :

1. Illi l-partijiet kellhom relazzjoni flimkien u minn tali relazzjoni twieled il-minuri E D li illum ghandu 4 snin;
2. Illi kien hemm diversi sessjonijiet ta' medjazzjoni bil-ghan li jintlahaq ftehim fir-rigward tal-modalitajiet tal-access u dak kollu relatat mal-minuri izda A D biddlet fehmitha kemm-il darba u ghamlitha impossibli li jintlahaq ftehim ghalkemm il-medjatrici hadmet bla qatieh ghal dan il-ghan;
3. Illi A B qed taghmilha difficli ghal C D li jezercita d-drittijiet u r-responabilitajiet tieghu bhala missier tal-minuri E D;
4. Illi C D irid li l-partijet ikunu involuti b'mod ugwali fit-trobbija ta' binhom minuri anki jekk ir-relazzjoni taghhom bhala koppja intemmet;
5. Illi C D safa' anki aggredit mill-'partner' ta' A B u kkawzalu griehi ta' natura gravi u kellu jkun operat u dan wara dizgwid fuq access;
6. Illi l-esponent C D qed jipprevalixxi ruhu mill-fakulta lilu moghtija u jressaq din il-kontrotalba ghat-talbiet attrici skont il-ligi;
7. Illi l-fatti hawn dikjarati jafhom C D personalment;

Talab li l-attrici tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

(1) Tafda u tikkonferma l-kura u l-kustodja tal-minuri E D b'mod kongunt bejn il-partijiet;

(2) Tistabilixxi l-access ta' C D ghal ibnu minuri E D bis-segwenti modalitajiet li jaghtu kont il-bzonnijiet tal-minuri :

   (i) Kull nhar ta' Tnejn u kull nhar ta' Erbgha mill-4.45p.m. sat-8.00p.m. u li l-minuri dejjem jingabar minn C D mill-indirizz Blokk 7a, Flat 1, Triq San Gwann t'Ghuxa, Bormla u tigbor il-minuri dejjem A B fl-ahhar tal-access minn fejn ikun il-missier C D;

(ii) Fil-weekend darbtejn fix-xahar mill-Gimgha mill-5.30p.m. sal-Hadd sas-7.00p.m. u fil-gimghatejn l-ohra li jkun baqa' ta' kull xahar, mis-Sibt fil-5.00p.m. sal-Hadd fis-7.00p.m. dawn ikunu alternattivi. Anki hawn il-minuri dejjem jingabar mill-missier mill-indirizz Blokk 7a, Flat 1, Triq San Gwann t'Ghuxa, Bormla u l-minuri dejjem jingabar fl-ahhar tal-access mill-omm minn fejn ikun il-missier,

(iii) Fir-rigward tal-isleepovers ghandu japplika l-istess kriterju kemm ghall-missier kif ukoll ghall-omm prezenti,

(iv) Fil-festi tal-Milied u l-Ewwel tas-Sena - *L-ewwelsena nhar l-24 ta' Dicembru mill-4.00p.m. sal-25 ta' Dicembru fin-12.30p.m. u nhar l-1 ta' Jannar fil-11.30a.m. sa nofsinhar tat-2 ta' Jannar gjaladarba il-minuri jaghlaq gheluq sninu fl-1 ta' Jannar, u s-sena ta' wara, mill-25 ta' Dicembru fil-11.00a.m. sa nofsinhar tas-26 ta' Dicembru u fil-31 ta' Dicembru mid-9.00a.m. san-12.30p.m. tal-1 ta' Jannar. Anki hawn il-minuri dejjem jingabar mill-missier mill-indirizz Blokk 7a, Flat 1, Triq San Gwann t'Ghuxa, Bormla u l-minuri dejjem jingabar fl-ahhar tal-access mill-omm minn fejn ikun il-missier;

(v) Fil-vaganzi tal-Ghid, l-access ta' C D ghal ibnu ikun minn Hamis ix-Xirka fil-4.45p.m. sa Hadd il-Ghid fit-8.00p.m. filwaqt li fil-festa tal-Bambina fit-8 ta' Settembru, l-access tal-esponenti ghal ibnu jkun mis-7 ta' Settembru fl-10.00a.m. sad-9 ta' Settembru fit-8.00p.m. Fil-festa tal-Kuncizzjoni fit-8 ta' Dicembru, l-access ta' C D ikun minn lejliet il-festa 7 ta' Dicembru fil-5.00a.m. sa nofsinhar tat-8 ta' Dicembru. Anke hawn il-minuri dejjem jingabar mill-missier mill-indirizz Block 7a, Flat 1, Triq San Gwann t'Ghuxa, Bormla filwaqt li l-minuri dejjem jingabar fl-ahhar tal-access mill-omm minn fejn ikun il-missier;

(vi) Fil-vaganzi tas-Sajf u fil-vaganzi tal-Milied, il-missier ikollu d-dritt ghal gimgha shiha kull darba b'din il-gimgha tigi indikata lil omm xahar qabel. Fil-festi pubblici bl-eccezzjoni tat-8 ta' Settembru u tat-8 ta' Dicembru, il-minuri jorqod ghand il-missier minn jum qabel u jibqa' ghand il-missier sat-8.00p.m. tal-festa pubblika. Anki hawn il-minuri dejjem jingabar mill-missier mill-indirizz Blokk 7a, Flat 1, Triq San Gwann t'Ghuxa, Bormla filwaqt

li l-minuri dejjem jingabar fl-ahhar tal-access minn A B minn fejn ikun C D;

(vii) F'gheluq is-snin ta' C D u f'Jum il-Missier, l-access ta' C D ghal ibnu ikun mill-jum ta' qabel fil-4.45p.m. sad-9.00p.m. ta' l-ghada. Anki hawn il-minuri dejjem jingabar minn C D mill-indirizz Blokk 7a, Flat 1, Triq San Gwann t'Ghuxa, Bormla filwaqt li l-minuri dejjem jingabar fl-ahhar tal-access mill-omm minn fejn ikun il-missier;

(viii) Meta C D ikun bil-'leave', il-minuri jista' jorqod ghandu minn jum qabel mill-4.45p.m. u joqghod ghandu sas-7.00p.m. ta' l-ghada jum tal-'leave'. F'kaz li jkun jum ta' skola, C D jiehu u jigbor lil ibnu mill-iskola. Anki hawn il-minuri dejjem jingabar minn C D mill-indirizz Blokk 7a, Flat 1, Triq San Gwann t'Ghuxa, Bormla filwaqt li l-minuri dejjem jingabar fl-ahhar tal-access minn A B minn fejn ikun C D;

(ix) A B ghandha tinforma mill-ewwel lil C D f'kaz li l-minuri jkun ma jiflahx jew jiddahhal l-isptar u f'kaz li ggiblu tabib, ghandha tiehu hsieb li jimtela' d-dokument tal-assikurazzjoni li C D hareg ghal ibnu kif ukoll tipprezenta ricevuti fiskali tal-medicinali u kontijiet;

(x) Meta C D ikun mizzewweg jew f'kaz ta'mard tieghu jew fin-nuqqas ta' omm jew missier C D, martu tkun tista tigbor u twassal l-istess minuri ghall-access u/jew ghal dak kollu necessarju rigwardanti l-minuri;

(xi) C D ikollu d-dritt jigbor lil ibnu E wara l-iskola darbtejn fil-gimgha l-access jibda' minn tali hin sal-hin kif fuq stabbilit;

(xii) F'kaz li C D ikun sejjer Ghawdex, A B ghandha tkun avzata u l-minuri E ikun jista jmur ma missieru C D ghal kemm iddum il-mawra f'Ghawdex;

(xiii) Salv dak gja inghad iktar 'il fuq, C D jista' jraqqad ghandu lil ibnu E b'dan li ghandu jinforma lil A B minn erbgha u ghoxrin siegha qabel u l-parti li jkun maghha l-minuri jkun responsabbli ghall-esigenzi u l-impenji tal-minuri fil-jiem li jkun mieghu;

3. Tikkonferma l-manteniment dovut minn C D ghal ibnu E D ghal dak gja stabbili minn dina il-Qorti fis-somma ta' €200 fix-xahar flimkien ma nofs l-ispejjez tal-iskola u medicinali sal-eta ta' 18-il sena.

F'kaz li l-minuri jkompli jistudja wara li jaghlaq 18-il sena, il-manteniment jibda jinghata direttament lil E D;

4. Tordna li kull beneficcju socjali inkluz 'children allowance' rigwardanti l-minuri E D jidhol f'kont kongunt bejn il-partijiet f'isem il-minuri u l-partijiet ma jistghux jirtiraw xejn minnu. Din hi s-sitwazzjoni prezenti minn mindu twieled E D;

5. Tordna li kull parti tista ssiefer bil-minuri u l-partijiet qed jaghtu il-kunsens taghhom minn issa ghal dan u li l-parti li se ssiefer mal-minuri ghandha tinforma lill-parti l-ohra minn xahar qabel id-data tat-tluq bid-dettalji tas-safra u l-akkomodazzjoni u numru biex tikkomunika mal-minuri ta' kuljum waqt tali safra. Kull parti thallas l-ispejjez tas-safra tal-minuri u l-ispejjez ancillari mal-istess;

6. Tordna li kunjom il-minuri jibqa dak D kif ilu maghruf il-minuri sa minn meta twieled;

7. Tordna li A B biex taghti lil C D kull dokument li jirrigwarda l-minuri E D inkluz dawk medici u edukattivi;

8. Tordna li l-minuri jkun ma C D mit-23 ta' Mejju 2015 fl-10.00a.m. (lejliet it-tieg ta' C D) sal-ghada tat-tieg fil-25 ta' Mejju 2015 f'nofsinhar u ghal kull bzonn ta' prova fit-thejjijiet ghall-istess tieg;

Bl-ispejjez kontra A B li minn issa tibqa' ingunta ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut rikonvenzjonanti;

Rat ir-risposta guramentata ta' l-attrici ghat-talba rikonvenzjonali tal-konvenut, li permezz taghha eccepiet : (fol. 60)

1. Illi dwar **<u>l-ewwel talba</u>** tal-konvenut rikonvenzjonant u cioe sabiex il-kura u l-kustodja tal-minuri E D tkun kongunta bejn il-partijiet, l-attrici rikonvenzjonata tecepixxi illi din ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-konvenut u dana stante li dejjem kienet l-esponenti li hadet hsieb il-bzonnijiet kollha tal-minuri u rabbietu f'ghozza u mhabba meta l-intimat ghal ragunijiet kapriccuzi iddecieda li jabbanduna lill-esponenti u lil binhom sabiex imur jibda relazzjoni ma  mara ohra. Illi fil-fatt sal-gurnata tallum l-esponenti tiehu hsieb il-bzonnijiet kollha ta' E D u huwa jirresjedi principalment maghha u hi tiehu hsieb kull ma jkollu bzonn waqt dawn il-hinijiet, ghajr meta missieru jkollu l-access hekk kif stabbilit minn din il-Qorti u ghalhekk l-esponenti tikkontendi li din ghandha tigi affidata lilha;

2. Illi **dwar it-tieni talba** u cioe l-modalita tal-access a favur il-konvenut u kif dan ghandu jigi stabbilit, l-esponenti tikkontendi li din il-Qorti diga ffissat access a favur l-intimat u ghandu jkun dak l-access li jibqa in vigore. Illi oltre hekk, l-esponenti tikkontendi li l-access ghandu jkun kif mitlub fir-rikors mahluf pprezentat minnha u dana fl-ahjar interess tal-minuri E D. Din il-Qorti dejjem tghallimna li l-access a favur il-missier ghandu jkun wiehed li bl-ebda mod ma jfixkel l-istabbilta li jkollu u li jkun imdorri fiha l-minuri. Illi l-minuri E diga qieghed jigi espost ghal hafna ambjenti u dana peress li l-intimat mohhu biex jriresjedi fir-residenza tal-gharusa tieghu flok izomm lill-minuri migbur ghand in-nanna paterna fejn jirresjedi hu;
3. Illi **b'referenza ukoll ghat-tieni talba** u cioe fejn il-konvenut rikonvenzjonat jitlob lil din il-Qorti sabiex jigbor lill-minuri mill-indirizz 7a, Flat 1, Triq San Gwann T'Ghuxa, Bormla, jigi rilevat li din l-Qorti gja ddegretat li l-miinuri ghandu jingabar mir-residenza tal-omm. Illi l-esponenti ghadha fl-ahjar ta' hajjitha u ghalkemm bhalissa ghadha tirresjedi ma ommha hija ghandha t-tir li tizzewweg u tmur tghix mas-sieheb taghha bhal kull tfajla ohra u ghalhekk il-punt minn fejn l-intimat C D ghandu jigbor u jwassal lill-minuri ghall-access ghandu jkun dik ir-residenza li jkollha l-attrici rikonvenzjonata minn zmien ghal zmien. Illi din il-Qorti gja ddekretat ukoll li ghandu jkun l-intimat rikonvenzjonat li jwassal u anki jigbor lill-minuri waqt l-access u l-esponenti tikkontendi li dan id-digriet ghandu jibqa jigi onorat u ssanzjonat minn din il-Qorti permezz ta' sentenza finali u dana fl-ahjar interess tat-tifel li dera b'din ir-rutina u anki ghax hekk hi l-prassi tal-Qrati nostrana;
4. Illi **dwar it-tielet talba** tal-konvenut rikonvenzjonat, l-esponenti tikkontendi li l-manteniment stabbilit minn din il-Qorti ghandu jirrifletti l-bzonnijiet tal-minuri E D u dana peress illi l-ispejjez tieghu qeghdin jikbru aktar kemm hu qieghed jikber. Illi in oltre, l-manteniment ghandu jithallas skont dak li tipprovdi l-ligi, senjatament il-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, in vista ukoll tal-fatt li l-minuri aktarx li jkompli jistudja. Oltre l-manteniment il-konvenut rikonvenzjonat ghandu jhallas ukoll nofs l-edukazzjoni u s-sahha tal-minuri skont il-ligi. Illi tali manteniment ghandu jithallas lill-attrici rikonvenzjonata;
5. Illi **dwar ir-raba talba** u cioe li kull beneficcju socjali inkluz 'children allowance' rigwardanti l-minuri E D ghandu jidhol

f'kont kongunt bejn il-partijiet f'isem il-minuri, jigi rilevat li l-konvenut dejjem jara kif jaghmel biex jipprova jakkwista kemm jista u jzomm il-kontroll fuq l-attrici. Illi din il-fissazzjoni fuq il-finanzi tant hi qawwija li lill-ibnu dispens li jcahhdu tant illi sa ftit xhur ilu, qabel ma kien hemm digriet ta' din il-Qorti, il-konvenut kien jivversa manteniment mizeru ta' mija u hamsin ewro biss (€150). Illi l-esponenti topponi bil-qawwa kollha ghat-talba tal-konvenut u dana stante li c-children allowance hija l-unika dhul li l-attrici ghandha sabiex tkun tista tlahhaq mal-bzonnijiet tal-minuri li biz-zmien aktar jizdiedu flok jonqsu, specjalment in vista tad-dhul minimu li ghandha l-istess esponenti;

6. Illi **<u>dwar il-hames talba</u>** l-attrici rikonvenzjonata taqbel ma din it-talba b'dana li dik il-parti li tkun ser issiefer lill-minuri ghandha taghti pre-avviz ta' xahar lill-parti l-ohra u l-passaport ghandu jinzamm dejjem mill-attrici rikonvenzjonata b'dana li hi tghaddih lill-konvenut gimghatejn qabel is-safra u hu jobbliga ruhu li jerga' jghaddih lura lill-attrici rikonvenzjonata fi zmien gimgha mir-ritorn tieghu f'Malta flimkien mal-minuri;
7. Illi **<u>dwar is-sitt talba</u>** l-esponenti tikkontendi li l-minuri ghandu juza il-kunjom D B, u dan anki tenut kont ix-xewqa tal-minuri li hekk jaghmel;
8. Illi **<u>dwar is-sebgha talba</u>** u cioe li l-attrici rikonvenzjonata ghandha taghti lill-konvenut kull dokument rigwardanti l-edukazzjoni u s-sahha tal-minuri, jigi rilevat li din it-talba hija superfluwa u ma kellhiex ghalfejn tintalab. Il-konvenut ghandu kull access ghal tali dokumentazzjoni u huwa jista sempliciment imur l-awtoritajiet relattivi u jitlob tali kopji jew informazzjoni. Illi in oltre l-attrici rikonvenzjonata ma ghandha l-ebda informazzjoni f'idejha li l-konvenut ma jafx biha jew ma ghandux bhalha;
9. Illi **<u>dwar it-tmien talba</u>** l-attrici rikonvenzjonata tirrileva li din hi talba li se mai missha saret f'rikos quaddiem din il-Qorti u mhux f'din il-kawza, izda pero din tkompli tikkonferma kemm il-konvenut dejjem mohhu biex johloq it-tensjoni u l-pomposita f'kull ma jaghmel, ghax ha hsieb li jsemmi li ha jizzewweg fir-risposta rikonvenzjonali tieghu, liema zwieg ser ikun mat-tfajla li tilef rasu warajha wara li abbanduna lill-esponenti u lil ibnu;
10. Illi l-esponenti ma ghandhiex tbati l-ispejjez ta' din it-talba rikonvenzjonali in vista tal-frivolosita taghha. Salv eccezzjonijiet ohrajn permessi mill-ligi;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici rikonvenzjonata;

Rat id-dokumenti kollha esebiti u l-atti proċesswali kollha;

Rat il-verbali tas-seduti miżmuma quddiem l-Assistenta Ġudizzjarju Dottor Abigail Critien.

Semgħet lill-partijiet;

Rat illi pendente lite il-kwistjoni tal-manteniment hija regolata permezz ta' digriet mogħti minn din il-Qorti nhar il-ħmistax (15) ta' Ottubru 2013, fejn ġie ordnat illi l-intimat għandu jħallas mitejn ewro (€200) bħala manteniment għal ibnu E, oltre nofs l-ispejjeż għas-saħħa u għall-edukazzjoni tal-minuri;

Rat illi pendente lite il-kwistjoni tal-aċċess hija regolata permezz ta' digriet tal-ħmistax (15) ta' Ottubru 2013, fejn din il-Qorti ordnat li l-intimat ikollu access għal ibnu kull nhar ta' Tnejn u nhar ta' Erbgħa bejn il-5.00pm u is-7.00pm u alternativament fil-weekend kull nhar ta' Gimgha mis-6.00pm sas-Sibt u l-ġimgħa ta' wara mis-Sibt fl-4.00pm sal-Ħadd fis-6.00pm. L-intimat ġie ordnat jiġbor lill-minuri mir-residenza tal-omm u jirritornah hemmhekk wara l-aċċess.

Rat illi l-kawża ġiet differita għal-lum sabiex tingħata s-sentenza, b'dana illi l-partijiet ingħataw il-fakolta` li jippreżentaw in-noti ta' sottomissjonijiet finali tagħhom;

Rat in-nota tas-sottomissjonijiet finali tal-attriċi ippreżentata nhar is-7 ta' Jannar 2019, kif ukoll in-nota ta' sottomissjonijet responsiva tal-konvenut ippreżentata fl-4 ta' Frar 2019;

Ikkunsidrat:

KONSIDERAZZJONIJIET

Illi l-Qorti għandha quddiemha kawża fejn ir-rikorrenti qiegħda titlob li tiġi afdata esklussivament bil-kura u l-kustodja ta' iben il-partijiet, ossia il-minuri E D, imwieled fl-1 ta' Jannar 2010 minn relazzjoni bejn

il-partijiet u rikonoxxut mill-intimat. Hija titlob ukoll li l-intimat iħallasha manteniment adegwat għall-minuri.

Il-Verżjoni tal-Attriċi

Fl-ewwel lok, il-Qorti tirrileva illi ġiet prodotta ħafna evidenza rigward ir-relazzjoni tal-partijiet u dwar il-ġlieda li seħħet bejn il-konvenut u F G fit-22 ta' Settembru 2013 viċin Sant'Anton. Billi l-partijiet qatt ma kienu miżżewġin u din il-kawża m'hijiex waħda ta' separazzjoni iżda waħda relattiva għall-kura u l-kustodja tal-minuri binhom, ix-xiehda li tirrelata dwar ir-relazzjoni bejn il-partijiet qiegħda tiġi skartata minn din il-Qorti.

L-attriċi xehdet bil-proċedura tal-affidavit fejn hija tispjega li wara seba' snin ta' relazzjoni bejniethom, hija ħarġet tqila. Il-konvenut xtaq illi huma jkollhom tarbija sabiex ikun bħal kuġinuh li kien taqqal lis-sieħba tiegħu. Fil-fehma tagħha, huwa ma kienx kapaċi irabbi bħal ħaddieħor biex irabbi tarbija. Fit-tqala ma taha ebda sapport u baqa' jagħmel dak kollu li kien jixtieq. Mat-twelid tat-tifel l-atteġġjament tiegħu mar għall-agħar għaliex ħareġ iktar egojiżmu u immaturita`. Tiddeskrivi lill-konvenut kif ġej "C huwa bniedem aggressiv, tost għajjur u immatur. Nista insemmi episodju minnhom wara li hassarna fejn fuq argument zghir kissirli il-pushchair li kienu xtraw il-familja tieghi. Mhux l-ewwel darba li gie wara il-bieb tad-dar jghajjarni inndannata u joffendini."

Xehdet ukoll viva voce fejn hija spjegat illi C mhux dejjem jieħu lit-tifel għall-aċċess. Ġieli jgħidilha li minħabba x-xogħol. Fil-festa tal-Isla, huwa kien mejda ma' mejda magħha. Hija marret id-dar sabiex taħsel lit-tifel u tibagħtu nadif għall-aċċess, iżda dan ma ġabarx lit-tifel u lanqas beda jirrispondiha meta ċċempillu. Qalet li l-mara tal-konvenut R tindaħal ħafna fuq it-tifel, anke x'basket tal-iskola għandu juża.

Tispjega li finanzjarjament biex tlaħħaq jgħinunha ommha u missierha għaliex il-manteniment ordnat ma jkunx biżżejjed. Hija tippreżenta prospett ta' dak illi tonfoq għall-minuri fejn tikkalkula li dan ilaħħaq is-somma ta' €159.69 fil-ġimgħa jew €638.76 fix-xahar.

Tagħlaq billi tgħid illi hija tinsab f'relazzjoni stabbli ma' ċertu F G li miegħu il-minuri għandu relazzjoni tajba ħafna. Hija tesebixxi sett ta' ritratti tal-minuri mal-istess F fejn il-minuri jidher kuntent.

Mistoqsija in kontro-eżami dwar l-aġir tal-konvenut mat-tifel, l-attriċi ilmentat biss illi dana ma jħallix li-tifel jagħti l-opinjoni tiegħu u jkun iridu dejjem jagħmel dak li jgħidlu hu. Qablet li hija tirrifjuta li tagħtih aċċess ikbar lill-konvenut. Ilmentat li C imur meta jrid hu għat-tifel. Ma jmurx għat-tifel, mhux minħabba attivitajiet tal-Kunsill biss, iżda lilha jinforma biss xi siegħa jew nofs siegħa qabel. Dwar il-manteniment hija kkonfermat illi l-konvenut dejjem ħallasha manteniment għall-minuri iżda qabel ma ngħata d-digriet, kien jgħaddilha mija u ħamsin Ewro (€150).

Xehed ukoll H I illi kkonferma illi A dejjem tieħu ħsieb tajjeb ta' binha. Is-sieħeb tagħha F huwa tifel bieżel u kwiet u tal-affari tiegħu. Lill-minuri E, F iħobbu ħafna "qisu tiegħu" u dejjem jieħu ħsiebu bl-aħjar mod possibbli. L-istess qalet Janice Baldacchino fl-affidavit tagħha.

Xehdet ukoll J K, oħt l-attriċi, li qalet li minn meta twieled il-minuri, il-ġenituri tagħha speċjalment missierha, ħa ħafna ħsieb tiegħu billi oħtha kienet tgħix mal-ġenituri tagħha. Il-minuri għadu jgħix mal-omm, iżda l-konvenut imur għalih fil-ħinijiet deċiżi mill-Qorti. Bħala manteniment tiftakar illi kien hemm xi erba' xhur fejn ma kienx jagħtiha manteniment sakemm oħt ix-xhud għamlet rikors il-Qorti u minn hemmhekk beda jagħtiha skont id-digriet tal-Qorti. Oħt ix-xhud u cioe l-attriċi taħdem part-time biex tlaħħaq mal-ispejjeż u tlaħħaq ukoll mal-ħtiġijiet tat-tifel. Sa fejn taf hi, il-konvenut iħallas mitejn Ewro fix-xahar bħala manteniment u jħallas ukoll nofs l-ispejjeż tal-edukazzjoni u xi polza tas-saħħa.

L M N xehdet illi l-attriċi tieħu ħafna ħsieb tat-tifel anke meta jkun ma jiflaħx u għall-iskola tibagħtu fil-ħin. Taraha bħala omm responsabbli u xi drabi issaqsi lix-xhud kif għandha tagħmel f'ċerti sitwazzjonijiet u dana billi x-xhud studjat ħafna fuq it-tfal fix-xogħol tagħha bħala ħaddiema soċjali. Tiftakar illi inizjalment il-konvenut kien jagħtiha ħafna problemi għall-manteniment tat-tifel iżda dwar dan ma tantx taf. Tirrakkonta episodju fejn it-tifel qal lix-xhud li l-mummy tiegħu kienet ħażina għaliex il-papa qallu li din kienet "pastaża" għax għandha boyfriend. Darb'oħra qalilha li ma jridx imur għand il-papa għaliex dan

iħallih ma waħda mara (omm is-sieħba attwali tiegħu) sabiex hu joħroġ mas-sieħba tiegħu. Ġieli jsaqsieha għaliex il-ġenituri tiegħu ma jistgħux ikunu flimkien u għandhom lil xi ħadd ieħor. Il-papa qallu wkoll lil lis-sieħeb tal-mama` kien tah xebgħa.

Dwar il-minuri E, missier l-attriċi, O B ma xehed xejn għajr illi qal li l-konvenut għamel xi erba' xhur ma jgħaddix manteniment. L-istess fil-każ ta' omm l-attriċi, Carmen B.

Mill-employment history tal-konvenut, jirriżulta illa dana jaħdem b'mod fiss fil-Ministeru tal-Edukazzjoni bħala messaġġier.

Xehdet ukoll il-kap tal-iskola tal-Fgura, P Q, illi esebiet l-attendenza tal-minuri E għas-sena Kinder 2, u wkoll rapport tal-iżvilupp tiegħu minn fejn jirriżulta kollox regolari. Hija ddeskriviet lill-minuri bħala "impekkabbli" "iggalbat ħafna"

Il-Verżjoni tal-Konvenut

Il-konvenut xehed viva voce, fejn huwa spjega illi għalkemm ir-relazzjoni tiegħu mal-attriċi llum spiċċat, għandu relazzjoni tajba ħafna mat-tifel, għalkemm dana jgħix mal-Qorti. Huwa jara lit-tifel skont id-digriet iżda jixtieq li jkollu iżjed ħin miegħu. Jispjega li l-omm toġġezzjona għal dan. Meta t-tifel ikun ma jiflaħx u jitlef l-aċċess huwa ma jkunx kompensat għal dan. Jikkonferma illi jħallas il-manteniment skont id-digriet u li qabel kien hemm digriet xorta kien iħallas €150 tal-manteniment. Spjega illi huwa nvolut fil-Kunsill Lokali tal-Isla bħala Viċi-Sindku. Il-Kunsill ftehmu li ma jiltaqgħux fil-ħin li huwa jkollu aċċess għat-tifel. In sostenn ta' dan huwa esebixxa dikjarazzjoni mis-Sindku tal-Isla Joe Casha u s-Segretarju Eżekuttiv Duncan Hall fejn huwa ddikjarat illi l-konvenut huwa liberu minn kull impenn relatat mal-Kunsill Lokali fil-ġranet tat-Tnejn u l-Erbgħa.

L-aċċess isir ġewwa l-Isla għand ommu, minkejja li huwa jgħix il-Fgura ma' martu R D S, u dan għaliex il-ħin tal-aċċess huwa qasir, ta' sagħtejn. Dan jagħmlu minħabba konsiderazzjonijet tat-traffiku għaliex l-aċċess jibda fil-5.00pm. Pero` billi huwa l-viċi-sindku tal-lokalita`, iwaqqfuh ħafna nies biex ikellmuh u b'hekk jitlef il-ħin mat-tifel. Għal din ir-raġuni wkoll jixtieq li l-manteniment ikun itwal.

Il-konvenut spjega illi huwa jaħdem f'Ministeru u għalhekk minn Ġunju sa Settembru jispiċċa x-xogħol fis-2.30pm. F'dan il-perjodu għandu iżjed ċans biex ikun mat-tifel, iżda l-attriċi topponi. Is-Sibt lanqas ma jaħdem, għalhekk anke nhar ta' Sibt jista' jkollu iktar ħin mat-tifel. It-tifel jieħu gost miegħu u r-relazzjoni tat-tifel mal-mara tal-konvenut hija tajba ħafna.

Il-konvenut xehed illi l-attriċi ma turix koperazzjoni miegħu rigward l-aċċess meta jkollu bżonn isiefer fuq xogħol tal-Kunsill. Esebixxa messaġġi skambjati bejnu u fejn l-attriċi fejn huwa talabha iktar ħin t'aċċess fil-weekend ta' wara iżda hija rrifjutat bil-kliem "Xejn missek lanqas staqsejtni" u "Le xejn".

In kontro-eżami, il-konvenut spjega illi huwa jaqla' elf u mitejn Ewro (€1200) netti kull erba' ġimgħat mill-ħidma tiegħu fil-Ministeru kif ukoll tmenin Ewo (€80) fix-xahar mill-Kunsill. Spjega illi fil-ħin tal-aċċess ta' nhar ta' Tnejn u nhar ta' Erbgħa, lill-minuri jieħdu training tal-football. Fil-weekend biss ikollu naqra ħin miegħu, għalkemm anke s-Sibt u l-Ħadd filgħodu jkollu l-football. Ikkonferma illi huwa m'għandu l-ebda problema bil-mod kif A iżżomm lit-tifel u li t-tifel qatt ma kellu problemi l-iskola.

PRINĊIPJI LEGALI

Illi huwa ritenut fil-ġurisprudenza tagħna li, f'kawżi bħal din, il-Qorti għandha tikkunsidra l-aqwa interess tal-minuri.

Fil-kawża Jennifer Portelli pro.et noe. vs. John Portelli intqal: "Jingħad illi l-kura tat-tfal komuni tal-miżżewġin, sew fil-liġi antika u sew fil-liġi viġenti, kif ukoll fil-ġurisprudenza estera u f'dik lokali hija regolata mill-prinċipju tal-aqwa utilita' u l-akbar vantaġġ għall-interess tal-istess tfal li ċ-ċirkustanzi tal-każ u l-koeffiċjenti tal-fatti partikulari tal-mument ikunu jissuġġerixxu. Illi in konsegwenza, ir-regola sovrana fuq enunċjata għandha tipprevali dwar il-kustodja u l-edukazzjoni tat-tfal komuni tal-miżżewġin, sew meta l-konjuġi jisseparaw ruħhom ġudizzjarjament, sew meta jiġu biex jisseparaw konsenswalment;"

Illi fil-kawża fl-ismijiet Susan Ellen Lawless vs. Il Reverendo George Lawless , il-Qorti kienet qalet illi “la cura ed educazione dei figli, nel caso che la moglie non continua ad abitare col marito, deve essere commessa ed affidata a colui, fra i conjugi, che si riconoscera’ piu atto ed idoneo a curarli ed educarli, avuto riguardo alla loro eta’, ed a tutte le circostanze del caso – sotto quei provvedimenti, che si reputino spedienti pel vantaggio di tali figli”.

Illi ngħad ukoll fil-kawża fl-ismijiet John Cutajar vs. Amelia Cutajar et u Maria Dolores sive Doris Scicluna vs. Anthony Scicluna illi “apparti l-ħsieb ta’ ordni morali u dak ta’ ordni legali, li għandhom setgħa fil-materja ta’ kura u kustodja tat-tfal in ġenerali, il-prinċipju dominanti ‘in subjecta materia’, li jiddetermina normalment u ġeneralment il-kwistjonijiet bħal din insorta f’dina l-kawża, huwa dak tal-aktar utilita’ u dak tal-aqwa vantaġġ u nteress tal-istess minuri fl-isfond taċ-ċirkostanzi personali u ‘de facto’ li jkunu jirriżultaw mill-provi tal-każ li jrid jiġi riżolut...”

Il-Qorti għaldaqstant għandha s-setgħa illi jekk ikun fl-aħjar interess tal-minuri, tafda wieħed bissmill-konjuġi bil-kura u l-kustodja tal-minuri u dana ai termini tal-Artikolu 56 tal-Kodiċi Ċivili.

Il-prinċipju legali tal-manteniment tal-ulied huwa msejjes fuq l-Artikolu 7(1) tal-Kodiċi Ċivili li jistipula: "Il-ġenituri għandhom l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B ta' dan il-Kodiċi." L-artikolu 3B tal-istess Kodiċi jistipula illi: "Iż-żwieġ jimponi fuq il-miżżewġin l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil ulied li jiġu miż-żwieġ skond il-ħila, xeħtiet naturali u aspirazzjonijiet ta' l-ulied.”

Għalhekk abbażi tal-premess, jirriżulta mid-dispożizzjonijiet tal-liġi, li l-ġenituri għandhom l-istess obbligi verso l-ulied tagħhom, u għalhekk it-tnejn li huma għandhom jikkontribwixxu għat-trobbija ta' l-istess. L-obbligu taż-żewġ ġenituri lejn l-ulied jibqa' bażikament l-istess: kull wieħed skond il-mezzi tiegħu, ikkalkulati skond id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 20 ta' l-istess Kodiċi, u l-bżonnijiet ta' l-istess minuri.

Kif jaf kulħadd, meta l-Qorti tiġi biex tistabbilixxi manteniment, m’hemmx xi formula stabbilita fil-liġi li biha l-Qorti tagħmel il-kalkoli

biex imbagħad joħroġ ir-riżultat. Iżda fl-artikolu 20 ta' l-istess Kapitolu insibu kif jitqies il-manteniment. Dan l-artikolu jaqra hekk:

(1) Il-manteniment għandu jingħata skont il-bżonn ta' min jitolbu u l-mezzi ta' min għandu jagħtih.

(2) Fl-istħarriġ sabiex jinsab jekk min jitlob il-manteniment jistax jaqalgħu xort'oħra, għandu jittieħed qies ukoll tal-ħila tiegħu fl-eżerċizzju ta' xi professjoni, arti jew sengħa.

(3) Meta jinqiesu l-mezzi ta' min hu obbligat għall-manteniment, għandu jingħadd biss il-qligħ tiegħu mix-xogħol tal-professjoni, arti jew sengħa, is-salarju jew il-pensjoni tiegħu mogħtija mill-Gvern jew minn ħaddieħor, u tal-utili tal-beni, sew mobbli kemm immobbli u kull dħul li jinħoloq taħt trust.

(4) Ma jitqiesx li għandu mezzi biżżejjed biex jagħti l-manteniment min ma jistax jagħtih ħlief billi jilqa' f'daru l-persuna li titlob dak il-manteniment, jekk din il-persuna ma tkunx axxendent jew dixxendent.

(5) Meta jinqiesu l-mezzi ta' min jitlob il-manteniment, għandu jittieħed qies ukoll ta' kemm jiswew il-beni tiegħu mobbli jew immobbli kif ukoll ta' kull interess benefiċjarju taħt trust.

## APPLIKAZZJONI TAL-PRINĊIPJI LEGALI GĦALL-KAŻ ODJERN

L-attriċi titlob lill-Qorti tafdalha l-kura u l-kustodja tal-minuri b'mod esklussiv u dana għaliex il-konvenut imur għat-tifel kumdita` tiegħu u meta jrid hu. Moħħu fil-maratoni, fil-Kunsill Lokali u fl-Isla.

Il-Qorti ma taqbilx. Fl-ewwel lok, dak illi seħħ bejn il-partijiet relattiv mar-relazzjoni tagħhom, bl-ebda mod m'għandu jimpinġi u jaffettwa l-jeddijiet tal-ġenituri. Fit-tieni lok, huwa minnu li l-attriċi ħadet it-trobbija tat-tifel b'impenn sħiħ u b'responsabilita` kbira, fatt illi huwa kkonfermat mill-missier, il-konvenut. Iżda mill-assjem tal-provi, ma jirriżultax li jeżistu l-estremi li jkunu jiġġustifikaw li l-missier jiġi mċaħħad mill-kura u l-kustodja ta' ibnu. Għalhekk il-Qorti hija tal-

fehma li l-kura u l-kustodja tal-minuri E għandha tibqa' waħda konġunta, b'dan illi l-minuri jibqa' jirrisjedi regolarment mal-attriċi.

L-ikbar disgwid bejn il-partijiet huma l-ħinijiet tal-aċċess u minn fejn għandu jinġabar u jitħalla il-minuri. Il-Qorti tirrileva illi filwaqt li dejjem tagħti piż għad-drittijet tal-ġenituri, l-interess suprem li żżomm quddiemha huwa dejjem dak tal-minuri, kif anke mgħallma mill-ġjurisprudenza kostanti tagħna hawn 'il fuq iċċitata. Dwar l-aċċess il-Qorti ser tagħti l-provvedimenti tagħha fid-deċide.

Dwar il-manteniment, l-attriċi tgħid illi l-ammont dekretat ta' mitejn Ewro kull erba' ġimgħat m'huwiex biżżejjed. Hija tissottometti li l-manteniment għandu jkun mill-inqas ta' €300 kull erba' ġimgħat flimkien ma' nofs l-ispejjeż tas-saħħa u tal-edukazzjoni. Min-naħa tiegħu, il-konvenut huwa tal-fehma li l-manteniment li jgħaddi, li effettivament huwa ta' €200 kull erba' ġimgħat, huwa ġust u jirrispekkja l-introjtu tiegħu.

Il-Qorti kkunsidrat illi hemm lok ta' awment fir-rata tal-manteniment tal-minuri in vista li d-digriet viġenti ingħata qrib is-sitt snin ilu u minn dakinhar, il-ħajja għoliet u l-bżonnijiet tat-tifel kibru. Illi għalhekk, tenut kont ukoll l-introjtu tal-konvenut, ser tawmenta ir-rata tal-manteniment għal mitejn u ħamsin Ewro (€250) kull erba' ġimgħat, filwaqt illi żżomm ferm d-digriet tagħha in kwantu jirrigwarda l-ispejjeż tas-saħħa u tal-edukazzjoni, fejn il-konvenut għandu jħallas nofs dawn l-ispejjeż meta muri l-irċevuti relattivi.

DEĊIDE

Għalhekk, għar-raġunijiet suesposti, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi tiddisponi mit-talbiet u l-kontro-talbiet rispettivi tal-partijiet u mill-eċċezzjonijiet tagħhom kif ġej:

1. Tiċħad l-ewwel talba attriċi u tilqa' l-ewwel talba rikonvenzjonali u b'hekk tiddikjara illi l-kura u l-kustodja tal-minuri E D tibqa' konġunta bejn il-partijiet;

2. Dwar it-tieni, it-tielet, ir-raba' talbiet attriċi u t-tieni talba rikonvenzjonali tordna illi:

a. Il-konvenut ikollu aċċess versu ibnu E kull nhar ta’ Tnejn u kull nhar ta’ Erbgħa mill-ħamsa ta’ filgħaxija (5pm) sat-tmienja ta’ filgħaxija (8pm); B’dan illi bejn l-ewwel (1) ta’ Lujlu u l-għoxrin (20) ta’ Settembru l-aċċess ikun mis-sagħtejn ta’ wara nofsinhar (2pm) sad-disgħa ta’ filgħaxija (9pm);

b. Il-konvenut ikollu aċċess versu ibnu fi tmien il-ġimgħa b’mod alternattiv mill-Ġimgħa fil-ħamsa ta’ filgħaxija (5pm) sas-Sibt fis-sitta ta’ filgħaxija (6pm), jew mis-Sibt fil-ħamsa ta’ filgħaxija (5pm) sal-Ħadd fis-sitta ta’ filgħaxija (6pm);

c. Il-konvenut ikollu aċċess versu ibnu fil-festi tal-Milied u l-Ewwel tas-Sena b’mod alternattiv minn sena għall-oħra: L-ewwel sena min-nhar l-erbgħa u għoxrin (24) ta’ Diċembru mill-ħamsa ta’ filgħaxija (5pm) sal-għada fil-ħdax u nofs ta’ filgħodu (11.30am) u nhar l-ewwel (1) ta’ Jannar mill-ħdax u nofs ta’ filgħodu (11.30am) sas-sebgħa ta’ filghaxija (7pm); u s-sena ta’ wara nhar il-ħamsa u għoxrin (25) ta’ Diċembru mill-ħdax u nofs ta’ filgħodu (11.30am) sas-sebgħa ta’ filghaxija (7pm) u nhar lejliet l-ewwel tas-sena u cioe il-wieħed u tletin (31) ta’ Diċembru;

d. F’għeluq snin il-missier ossia il-konvenut, jekk tinzerta ġurnata li fiha l-missier ma jkollu ebda aċċess regolari, il-missier ikollu aċċess mill-ħamsa ta’ filgħaxija (5pm) sat-tmienja ta’ filgħaxija (8pm);

e. F’għeluq snin l-omm ossia l-attriċi, il-missier ma jkollu ebda aċċess;

f. L-aċċess ma jinbidilx għal Jum il-Missier u għal Jum l-Omm;

g. Il-missier ikollu aċċess għal ibnu bejn is-sebgħa (7) ta’ Settembru fl-għaxra ta’ filgħodu (10am) sad-disgħa (9) ta’ Settembru fit-tmienja ta’ filgħaxija (8pm);

h. Fil-vaganzi tas-Sajf, il-missier ikollu d-dritt għal gimgħa sħiħa ta’ aċċess b’din il-ġimgha tiġi indikata lill-attriċi minn xahar qabel. Fil-vaganzi tal-Milied u tal-Għid, il-missier ikollu d-dritt għal tlett’ijiem konsekuttivi sħaħ ta’ aċċess, liema ġranet għandhom ikunu indikati lill-attriċi minn xahar qabel.

i. Il-minuri għandu jinġabar għall-aċċess mill-konvenut mir-residenza regolari tal-omm u jitwassal lura fir-residenza regolari tal-omm mill-istess konvenut;

j. Il-partijiet għandhom jinformaw immedjatament lil xulxin f’każ li l-minuri jkun ma jiflaħx jew jiddaħħal l-isptar u għandhom jieħdu ħsieb li jimlew id-dokument tal-assikurazzjoni tas-saħħa li l-konvenut ħareġ għal ibnu kif ukoll jipprezentaw l-irċevuti fiskali tal-mediċinali u l-kontijiet relattivi;

k. Kwalsiasi aċċess li l-missier ma jieħux, ma jiġix ikkompensat b’ħinijiet alternattivi;

l. Il-ġenituri għandhom id-dritt li jkunu t-tnejn preżenti fi ġranet importanti f’ħajjet il-minuri bħalma huma Parents Day, Sports Day, Prize Day, performances fil-Milied jew fl-Għid il-Kbir, u Jum il-Griżma;

3. Dwar il-ħames u s-sitt talbiet attriċi u t-tielet talba rikonvenzjonali, tordna lill-intimat iħallas lir-rikorrenti is-somma ta’ mitejn u ħamsin Ewro (€250) kull erba’ ġimgħat, rappreżentanti manteniment għall-minuri E, kif ukoll nofs l-ispejjeż tas-saħħa u l-edukazzjoni tagħha; Dan l-ammont jogħla kull sentejn skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja; Dan il-manteniment jibqa’ jitħallas sakemm il-minuri jagħlaq l-eta` ta’ tmintax-(18)-il sena jew jibda jaħdem fuq bażi full-time, skont liema eventwalita` tavvera ruħha l-ewwel. F’każ illi iben il-partijiet jibqa’ jistudja, fuq bażi full-time, wara li jilħaq l-eta` maġġorenni, il-manteniment għandu jibqa’ jitħallas mill-konvenut lill-attriċi sakemm it-tifel jagħlaq l-eta` ta’ tlieta u għoxrin (23) sena jew sakemm itemm l-istudji tiegħu, skont liema eventwalita` tavvera ruħha l-ewwel. Il-manteniment jinqata’ direttament mis-salarju tal-konvenut u jitħallas direttament lill-attriċi.

4. Tilqa’ s-seba’ talba tal-attriċi u tiċħad ir-raba’ talba tal-konvenut rikonvenjonant b’dana illi kwalunkwe benefiċċju soċjali in konnessjoni mal-minuri, inkluż children’s allowance għandu jkun perċepibbli mill-attriċi.

5. Tilqa’ t-tmien talba attriċi b’dan illi l-passaport tal-minuri għandu jinżamm mill-attriċi, iżda tillwalifika li dan għandu jinħareġ u/jew jiġġedded bl-approvazzjoni taż-żewġ ġenituri;

6. Id-disa’ talba attriċi hija diġa milqugħa b’effett tad-digriet tal-31 ta’ Jannar 2019 u b’hekk is-sitt talba rikonvenzjonali qiegħda tiġi miċħuda;

7. Tilqa’ l-ħames talba rikonvenzjonali u konsegwentement tordna li kull parti tista’ ssiefer bil-minuri b’dana illi l-parti li se ssiefer mal-minuri għandha tinforma lill-parti l-oħra minn xahar qabel id-data tat-tluq bid-dettalji tas-safra u l-akkomodazzjoni u numru biex tikkomunika mal-minuri ta’ kuljum waqt tali safra. Kull parti tħallas l-ispejjeż tas-safra tal-minuri u l-ispejjeż ancillari mal-istess;

8. Tilqa’ s-seba’ talba rikonvenzjonali b’dana illi tordna lill-attriċi biex taghti lill-konvenut kull dokument li jirrigwarda l-minuri E inkluż dawk mediċinali u edukattivi;

9. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-tmien talba tal-konvenut rikonvenzjonant in vista li f’dan l-istadju hija superfluwa;

Bl-ispejjeż ikunu sopportati b’mod ugwali bejn il-partijiet.